**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

**Illum 29 t' Awwissu, 2019**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur John Spiteri)**

**(Spettur Kylie Borg)**

**vs**

**Juanito Jimenez**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Juanito Jimenez detentur tal-karta tal-identita bin-numru 242693M, akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer u/jew gewwa 12, Sqaq id-Duluri Numru 1, Hamrun nhar it-23 ta' Lulju 2019 u/jew fil-granet ta' qabel din id-data,

B'diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti u li kisru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

Naqas li josserva xi kundizzjoni imposta fid-digriet mahrug mill-Imhallef Giovanni Grixti LL.d. mahrug nhar id-29 ta' Novembru, 2018 li bih inghata l-helsien mill-arrest taht garanzija.

U aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi, naqas li josserva xi kundizzjoni imposta fid-digriet mahrug mill-Magistrat Dr. Audrey Demicoli LL.d. mahrug nhar id-19 ta' Lulju, 2019 li bih inghata l-helsien mill-arrest taht depozitu u garanzija.

Minghajr skuza ragonevoli kiser xi projbizzjoni jew restrizzjoni imposta fuqu b'ordni taht l-artikolu 412C ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta mahruga mill-Magistrat Dr. A. Demicoli LL.D. favur omississ.

Il-Qorti giet mitluba sabiex flimkien mal-piena applikabbli ghall-imsemmi reat, tirrevoka '*contrario imperio'* d-digriet tal-helsien mill-arrest u tordna r-ri-arrest ta' l-imsemmi Juanito Jimenez, kif ukoll tordna li s-somma mposta fuqu bhala depozitu u/jew garanzija personali tghaddi favur il-Gvern ta' Malta.

U aktar talli renda ruhu recidiv ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghat il-provi.

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet Finali prezentata mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi f' dawn il-proceduri l-imputat jinsab akkuzat li naqas li josserva kundizzjonijiet imposti fuqu permezz ta' zewg digrieti ta' helsien mill-arrest (1) digriet tad-29 ta' Novembru, 2018 mahrug mill-Qorti Kriminali u (2) digriet tad-19 ta' Lulju, 2019 mahrug minn din il-Qorti hekk kif presjeduta. L-imputat jinsab ukoll akkuzat li kiser projbizzjoni imposta permezz ta' Ordni ta' Protezzjoni mahrug minn din il-Qorti kif presjeduta fis-7 ta' Mejju, 2019 fejn il-persuna protetta kienet omississ.

Illi mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni jirrizulta li fid-19 ta' Lulju, 2019 l-imputat hareg mill-Facilita Korrettiva ta' Kordin abbazi tad-digriet ta' helsien mill-arrest li saret referenza ghalih aktar 'il fuq u fl-istess gurnata u l-ghada huwa ltaqa' ma' omississ, li hija x-xhud principali tal-Prosekuzzjoni fil-proceduri li hemm pendenti kontra l-imputat u li qed jinsteghmu minn din il-Qorti kif presjeduta bhala Qorti Struttorja. Mill-provi rrizulta wkoll li waqt li l-imputat kien qed jinzamm taht arrest preventiv fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin, u wara li diga' kien inhareg l-Ordni ta' Protezzjoni fis-7 ta Mejju, 2019 l-imputat kien jikkomunika darbtejn kuljum

ma' omississ permezz ta' mobile phone li fornilha tramite habib komuni kif ukoll baghtilha l-ittri esebiti a fol 7 u 8 (Dok JS 3 u 4) liema ittri gew mghoddija lil omississ minn omm l-imputat. Dan kollu gie konfermat minn omississ meta xehdet f' dawn il-proceduri fl-udjenza tal-14 t' Awwissu, 2019 kif ukoll min-nannu taghha Generoso Sammut li wkoll xehed fl-udjenza tal-14 t' Awwissu, 2019 u spjega li fl-20 ta' Lulju, 2019 huwa kien segwa lin-neputija tieghu u raha niezla mill-vann tal-imputat li huwa gharaf fl-Awla.

Ikkunsidrat:

Illi l-Prosekuzzjoni esebiet a fol 9, 10 u 11 (Dok JS 5) vera kopja fotostatika tal-original debitament awtentikata mid-Deputat Registratur ta' din il-Qorti Graziella Abela tal-verbal tas-7 ta' Mejju 2019, tal-Ordni ta' Protezzjoni tas-7 ta' Mejju, 2019 u tad-digriet tal-helsien mill-arrest tad-19 ta' Lulju, 2019.

Illi l-Prosekuzzjoni naqset milli tipproduci kopja tad-digriet tal-helsien mill-arrest tad-29 ta' Novembru, 2018 li ssir referenza ghalih fl-ewwel imputazzjoni. Il-Qorti fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni taqbel ma' dak sottomess mid-Difiza li l-Prosekuzzjoni ma tistax titqies li rnexxielha tipprova din l-akkuza sal-grad rikjest mill-ligi stante illi una volta li ma giex prezentat id-digriet indikat fl-ewwel imputazzjoni l-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova x' kienu l-kundizzjonijiet li l-imputat allegatament kiser. Isegwi ghalhekk li l-imputat ghandu jigi liberat mill-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu.

L-istess haga tinghad dwar l-addebitu tar-recidiva fejn il-Prosekuzzjoni produciet biss il-fedina penali tal-imputat izda naqset milli tesebixxi s-sentenzi fejn l-imputat allegatament instab hati.  F' dan ir-rigward issir referenza ghal dak li ntqal mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Joseph Zahra[1] u cioe':-

> Ghalkemm il-fedina penali tista' tittiehed in konsiderazzjoni mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali biex ikunu jistghu jikkalibraw il-piena, l-imputazzjoni tar-recidiva dejjem tinnecessita li ssir il-prova tal-kundanna jew kundanni precedenti; tali prova ssir permezz ta' kopja legali tas-sentenza jew sentenzi precedenti kif ukoll billi jigi ppruvat a sodisfazzjoni tal-qorti – permezz ta' xhieda jew minn ezami tal-istess sentenza jew sentenzi (jekk din jew dawn ikunu jaghtu l-konnotati mehtiega tal-persuna kkundannata) jew minn ezami tal-atti tal-kawza ta' dik is-sentenza jew ta' dawk is-sentenzi precedenti – li dawk is-sentenzi jirreferu ghall-persuna li tkun qed tigi akkuzata bir-recidiva.

Illi l-imputat ghalhekk ma jistghax jinstab hati tal-addebitu tar-recidiva.

Illi l-istess haga ma tistghax tinghad fir-rigward tat-tieni u t-tielet imputazzjoni fejn l-imputat qed jigi akkuzat li kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu permezz ta' digriet ta' helsien mill-arrest ta' din il-Qorti kif presjeduta tad-19 ta' Lulju, 2019 kif ukoll li kiser projbizzjoni imposta permezz ta' Ordni ta' Protezzjoni mahrug fis-7 ta' Mejju, 2019 dejjem minn din il-Qorti kif presjeduta fejn il-persuna protetta kienet omississ.

[1] Deciza fl-24 ta' Frar, 2003

Illi fir-rigward ta’ dawn iz-zewg imputazzjonijiet il-Prosekuzzjoni mhux biss esebiet vera kopja fotostatika taz-zewg digrieti in dizamina li gew prezentati miz-zewg Ufficjali Prosekuturi mac-citazzjoni bil-gurament izda produciet bhala xhieda lil omississ, Generoso Sammut u Olivia Sammut li lkoll ikkonfermaw li l-imputat kien kiser kemm il-kundizzjoni imposta fuqu fid-digriet ghall-helsien mill-arrest fejn huwa ma setax javvicina x-xhieda tal-Prosekuzzjoni kif ukoll il-projbizzjoni mposta fuqu fl-Ordni ta’ Protezzjoni fejn huwa gie projbit milli javvicina jew jikkomunika ma’ omississ. Mill-provi rrizulta anki li l-imputat ikkomunika regolarment ma’ omississ kemm permezz ta’ ittri kif ukoll permezz tat-telephone fuq mobile phone li huwa prokuralha tramite terzi u waqt li kien detenut taht arrest preventiv u meta kien diga’ nhareg l-Ordni ta’ Protezzjoni.

Illi d-Difiza tikkontendi li l-Prosekuzzjoni ma gabitx l-ahjar prova fir-rigward tad-digriet tal-helsien mill-arrest tad-19 ta’ Lulju, 2019 u tal-Ordni ta’ Protezzjoni tas-7 ta’ Mejju, 2019 stante li ma giex prodott r-Registratur tal-Qorti, jew rapprezentant tieghu, sabiex jesebixxi l-kopji ta’ dawn id-dokumenti bil-gurament u sabiex jikkonferma li dawn l-ordnijiet ghadhom in vigore u li l-kawza fil-konfronti tal-imputat ghadha pendenti.

Illi din il-Qorti ma taqbilx ma din is-sottomissjoni maghmula mid-Difiza ghas-segwenti ragunijiet:-

1. Il-Prosekuzzjoni esebiet vera kopja fotostatika kemm tad-digriet tal-helsien mill-arrest kif ukoll tal-Ordni ta’ Protezzjoni liema

kopji gew debitament awtentikati bhala tali mid-Deputat Registratur Graziella Abela.

2. Illi dawn iz-zewg dokumenti gew esebiti bil-gurament miz-zewg Ufficjali Prosekuturi flimkien mac-citazzjoni kif jirrizulta mill-verbal tal-udjenza tal-14 t' Awwissu, 2019.
3. Illi din il-Qorti ma tistghax ma tiehux 'judicial notice' li dawn iz-zewg digrieti huma mahruga minnha stess u huma ffirmati mill-istess gudikant li qed jippresjedi f' din il-kawza.
4. Illi d-Difiza naqset milli tattakka dawn id-dokumenti fl-istadju meta gew prodotti mill-Prosekuzzjoni u meta gew prodotti fl-ebda hin ma kkontendiet li dawn id-digrieti m' ghadhomx in vigore, billi kkontra-ezaminat lill-Ufficjali Prosekuturi f' dan is-sens jew billi talbet li jigi prodott ir-Registratur tal-Qorti sabiex jikkonferma li dawn id-digrieti m' ghadhomx in vigore jew li l-kawza fil-konfronti tal-imputat ma kinitx ghadha pendenti.

Illi din il-Qorti ghalhekk tqies li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova kemm it-tieni kif ukoll it-tielet imputat sal-grad rikjest mill-ligi u ser issib lill-imputat hati ta' dawn l-imputazzjonijiet.

Illi ghall-finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-kontenut tar-rapport tal-espert Psikjatra nominat minnha kif ukoll il-ksur ripetut da parti tal-imputat tal-projbizzjoni imposta fl-Ordni ta' Protezzjoni u tal-gravita tal-ksur tal-kundizzjoni ghall-helsien mill-arrest fejn l-imputat immedjatament malli gie rilaxxjat mill-arrest preventiv avvicina f' zewg okkazzjonijiet lix-xhud principali tal-Prosekuzzjoni li kienet ukoll protetta permezz tal-Ordni ta' Protezzjoni. Fic-cirkostanzi l-Qorti ser timponi piena karcerarja effettiva izda ser tirrakomanda lid-Direttur tal-

Facilita Korrettiva ta' Kordin li l-imputat jinzamm fil-Forensic Unit tal-Isptar Monte Carmeli.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 579(2) u (3) u 412C (11) tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat hati tat-tieni (2) u tat-tielet (3) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah erba' (4) xhur prigunerija. Il-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-ewwel (1) imputazzjoni u tal-addebitu tar-recidiva, u konsegwentement tilliberah minnhom.

Il-Qorti inoltre tordna li s-somma ta' €4,500 (garanzija u depozitu imposti permezz tad-digriet tad-19 ta' Lulju, 2019) jghaddu favur il-Gvern ta' Malta u tirrevoka contrario imperio l-helsien mill-arrest moghti lill-imputat fid-19 ta' Lulju, 2019 u tordna r-ri-arrest tal-imputat b' effett immedjat.

**Magistrat**

Graziella Abela

Deputat Registratur